MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009

Numru 557/2000

**Il-Pulizija**
**Supretendent Sharon Tanti**
**V**

**ALEX CALLEJA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **ALEX CALLEJA** ta' erbghin sena bin Victor u mary nee Grixti, imwieled Pieta nhar t-tlieta ta' Mejju 1960 u residenti 237, Triq William Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita numru 347860M gie mressaq quddiemha akkuzat:

a. talli nhar t-tnax ta' Lulju 2000 f'Pembroke, minghajr ordni skond l-ligi t'Awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Lilian Calleja kontra l-volunta taghha u fl-istess waqt, offendiha fuq il-persuna jew heddidha bil-mewt; u

b. talli fl-istess data, lok u cirokostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Doctor Edward Despot tal-isptar San Luqa.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 markat bhala dokument CSH 32 fl-atti odjerni sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-ezami tal-imputat ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 [fol 26].

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju fis-seduta ta' nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2008.

Rat li d-difiza kien ilha ripetutament titlob differiment sa mit-tnejn ta' Gunju 2003 u li fis-seduta tal-hdax ta'April 2005 il-Qorti kienet tat l-fakulta lid-difiza tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-visto tal-kontro parti sa mhux aktar tard mill-hmistax ta' Mejju 2005 [fol 110] u li sal-hdax ta' April 2005 d-difiza naqset li tippresenta tali nota.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta t6a' nhar l-erbgha ta' Dicembru 2008.

Ikkunsidrat:
Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 xehdet **l-Ispettur Sharon Tanti** [fol 6] fejn qalet li fit-tnax ta' Gunju 2000 il-Pulizija ta' San Giljan kienet irceviet rapport rigward kaz ta' vjolenza domestika minghand Lilian Calleja u ghalhekk l-Pulizija kienu marru fuq il-post u kienu avvicinaw lil imputat Alex Calleja li gharfet presenti fl-awla, u staqsewh jekk kien hemm xi nkwiet bejnu u bejn il-mara pero dak l-hin hu kien innega li kien gie biss qrib tal-mara tieghu.

Lilian Calleja kienet pprezentat certifikat mediku lil Pulizija u xi gurnata jew tnejn wara li ghamlet r-rapport, kienu

inhargu *charges* ta' *slight injuries* fil-konfront tal-imputat pero minn natura tal-*complaint* li kienet ghamlet Lilian Calleja irrizulta li dawn kienu *charges* zbaljati ghaliex kien qed jigi allegat wkoll arrest illegali u ghalhekk wara li kkuntattjat lil allura Supretendent Paul Debattista, li qalilha sabiex tinvestiga l-kaz hija, w ghalhekk c-*charges* ta' *slight injuries* ma kienux fil-fatt ser jinhargu waħedhom.
Qalet li meta Lilian Calleja kienet marret ghandha l-ewwel darba, kienet ippruvat tirrakkuntalha l-incident li kien inqala bejnha u bejn zewgha l-imputat, pero meta ppruvat tohdilha stqarrija, din tant kienet mixfula li ma setghetx taghmel sens f'dak li kienet qed tghid u ghalhekk tatha l-opportunita li tikteb r-rakkont taghha u tmur lura bih. Fil-fatt Lilian Calleja kienet ipprovditilha stqarrija li kienet iffirmata quddiem Dottor Donatella Frendo Dimech fejn fiha hemm dettalji ta' x'kien gara fil-lejl tat-tnax ta' Lulju 2000. Id-dettalji kienu fis-sens li Alex Calleja dak iz-zmien ma kellux cavetta biex jidhol d-dar fejn kienu diga qed jghixu separatament minn xulxin fl-istess dar, u Lilian Calleja kienet tuza bieb tal-garaxx u l-imputat kien juza l-bieb ta' barra u din c-cavetta tal-bieb ta' barra l-imputat kien tilifha.

Illi dak il-lejl li ried jidhol d-dar l-imputat, Lilian Calleja kellha tinzel tiftahlu meta kienet diga kwazi dahlet torqod. Lilian Calleja dakinhar kienet irritaljat fis-sens li hi qaltlu ex admissis “m'hinix s-seftura tieghek biex tiftah l-bieb” u minn hemmhekk inqala l-argument. Lilian Calleja sejhet lil xi girien lil certu Peter ghal ghajjut pero l-imputat kien ghalaq il-bieb u waqt l-glieda hu waqaghha mal-art w ippinjha mal-art, skond hi, minn ghonqha sakemm ma setghetx tiehu nifs izjed u hasset sahhitha titlaqha kollha kemm hi u ma setghetx tghidlu biex jieqaf u jitlaqha minn taht idejh.

Illi wara li l-imputat telaq lil martu, huma komplew jillitigaw u wara sabet l-opportunita biex harbet mid-dar u marret toqghod ghand xi girien.

Ix-xhud komplet tghid li wara hi kienet baghtet ghal imputat biex tohodlu stqarrija u nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2000 l-imputat rrilaxxja stqarrija, wara li nghata s-

solita twissija fil-presenza ta' WPC 64 Connie Cauchi, fejn huwa nnega li kien refa' idejh fuq martu Lilian Calleja. Qal li kien qalilha li martu hija tranjata b'xi *spirit combat* u judo u xi dixxiplini ohra simili jigifieri hu qatt ma setgha jerfa idejh fuqha.

Meta x-xhud dakinhar staqsiet lil imputat ghal kummenti tieghu dwar l-fatt ta' dakinhar l-imputat kien qalilha li ma xtaqx jikkummenta qabel ma jiehu parir minghand l-Avukat tieghu li dakinhar kien imsiefer, u li wara li jkellmu, hu kien lest li jmur jaghmel stqarrija kif suppost u jiffirmha.

Ix-xhud esibiet din l-ewwel stqarrija tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument CSH 4 [fol 16]. Ix-xhud kompliet tghid li pero l-imputat ma kienx rega' mar ghandha sabiex jikkjarifika l-fatti li kellu pendenti maghha. Qalet li meta regghet tkellmet ma Lilian Calleja dwar x'tip ta' *training* kellha, Lilian Calleja kienet qaltilha li kienet marret biss darba jew darbtejn pero peress li kienet inqabdet tqila ma baqghetx tmur pero l-imputat kien baqa imur ghal dak t-tip ta' *training*. Ix-xhud qalet li hi kienet innutat li qabel ma hija kienet qalet lil imputat in-natura tal-glieda kif kienet, l-imputat kien qalilha “din qed tallega li jien sabbatha mal-poggman” u cioe xi haga li hi kienet ghadha ma kkonfrontatux biha.

Illi nhar t-tlettax ta’ Lulju 2005 **regghet xehdet l-Ispettur Sharon Tanti** [fol 116] fejn qalet hi ma kienetx taf lil Lilian Calleja meta marret tkellimha. Qalet li lanqas lil missierha u l-ommha ma taf. Qalet li kienet marret d-depot kemm il-darba u darba minn dawn l-okkazzjonijiet kien f’Lulju 2000 meta kienet haditilha stqarrija guramentata quddiem Dottor Donatella Frendo Dimech, ghalkemm din tal-ahhar qatt ma kellmitha fuq l-kaz. Qalet li dakinhar, peress li l-ilment li kellha kien ta’certu valuta, hi kienet qaltilha sabiex terga tmur u maghha tnizzel dak li kellha tghidilha bil-miktub. Qalet li Lilian Calleja dakinhar kienet allegat maghha li zewgha kien ipprova jifghaha fid-dar matrimonjali taghhom peress li skond hi, huma kellhom zewg entraturi separati ghal istess fond u l-imputat kien ipprova jidhol mill-entrata taghha. Qaltilha wkoll li dan l-incident kien sehh meta fid-dar kien hemm t-tfal. Ix-xhud

qalet li Lilian Calleja qaltilha wkoll li hi bdiet tghajjat lil garr partikolari fl-istess triq taghha.

Sussegwentement, kompliet tghid x-xhud, hi kienet baghtet ghall-imputat li minn naha tieghu cahad dan kollu. Qalet li llum il-gurnata l-imputat huwa proprjetarju ta’ Block B. Ix-xhud ziedet tghid li ma kienetx qed tiftakar d-dettal li ssuggerit d-difiza li l-imputat kien nesa c-cwievet dakinhar tal-incident, pero ftakret li dakinhar Lilian Calleja qaltilha li kienet qalet li zewgha li dakinhar kienet ser tiftahlu pero darb’ohra le. Qalet li pero lilha rrizultalha li dakinhar l-imputat kien ghadu hiereg mid-dar matrimonjali ma martu. Qalet lil Lilian Calleja kienet irrappurtatilha li zewgha kien qed juri xi films pornografici lit-tfal minuri u fuq dan kienet infethet inkjesta wkoll. Qalet li hi kienet irceviet wkoll xi karti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili li Lilian Calleja kienet allegat li l-imputat kien qed jabbuza minn uliedu u kienet giet mitluba sabiex tinvestiga.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 xehdet **Lilian Calleja** [fol 18] li qalet li nhar t-tnax ta' Lulju 2000, wara l-hdax ta' bil-lejl, semgha erba ' tahbitiet qawwija fuq il-bieb ta' barra u wara ftit tahbit iehor fuq bieb iehor u basret li kien r-ragel taghha l-imputat, li gharfet presenti fl-awla. Qalet li dak iz-zmien huma kienu fi stadju ta' separazzjoni pero kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf ghaliex kienu waslu fi ftehim li hu jidhol mill-bieb tal-garage peress li huwa bir-*remote control* u hi tidhol mill-bieb principali li jinsab vicin il-*basement* b'cavetta regolari. Qalet li zewgha l-imputat kien isiefer l-Libja u dakinhar tal-incident bil-lejl kien ghadu gej mill-Libja u peress li kien qalilha li ma kellux cavetta ghaliex kien tilifha, hu dahal mill-bieb principali. Qalet li meta habbat mal-bieb principali dakinhar tal-incident, hi kienet fethet t-tieqa tal-kamra tas-sodda taghha li tigi ezatt fuq il-bieb ta' barra, u qaltlu biex jistenna ftit u ma jibqghax jhabbat sakemm tinzel tiftahlu. Qalet li meta fethitulu qaltlu li kienet ghamlet hekk ghaliex kienet ghadha ma dahlitx torqod u lanqas kieku, ghaliex hi ma kienetx l-purtinara tieghu.

Qalet li kif kienet ser titla t-tarag, hatafha u xejjriha 'l hawn u 'l hemm u tefaghha mal-art b'tisbita vicin il-bieb ta' barra.

Qalet li sa dak l-hin il-bieb ta' barra kien ghadu miftuh u qamet tigri u harbet 'l barra tghajjat ghal ghajjut lil gar taghha cetu Peter pero l-imputat ma tahiex cans tohrog u rega' dar fuqha u zammha milli tohrog u pogga idejh ma halqha w ghalaq il-bieb b'saqajh. Qalet li zewgha l-imputat imbaghad rega' hatafha u qalilha sabiex ma tkellmux hekk u taghtih cavetta. Qalet li hu beda jaghtiha kif gie gie bis-sieq, tefaghha b'tisbita mal-art rega', nizel ghal fuqha waqt li kienet mimduda mal-art u beda jghafsilha ghonqha b'idejh u qalilha li kien ser joqtolha. Qalet li hi ma setghetx ticcaqlaq u tiehu nifs u hasset ghajnejha mqabbsin cassi u hasbet li ma kienetx ser tara lil uliedha aktar.
Qalet li wara qam minn fuqha, telaqha minn ghonqha u qaghad ftit hin ma gembha, mexa lejn il-hajt fejn hemm sottospecchio u hi bdiet tistejqer xi ftit u qalilha biex tmur iggiblu c-cavetta u hi qaltlu li kienet fuq u li ma setghetx tqum biex tmur iggibilu u hu beda jkellimha f'ton sarkastiku u jghidilha "u jahasra, xi gralek hi, weggajt."

Qalet li meta qamet mill-art regghu bdew jargumentaw w irnexxilha tigri lejn il-bieb, tifthu u telqet tigri 'l barra mid-dar ghand xi gar taghha Doreen Mizzi u minghandha cemplet lil habiba ohra taghha certa Diane u gie r-ragel ta' din Diane li hadha l-ghassa taghmel rapport. Qalet li wara marret l-isptar fejn ra Doctor Edward Despot li rrilaxxjalha certifikat mediku li halliet l-Ghassa. Hija esibit kopja ta' dan ic-certifikat mediku li gie mmarkat bhala dokument CSH 5 [fol 24]. Qalet li d-dar maghha kien hemm t-tfal, wiehed ta' tmien snin, wiehed li kien ser jaghlaq sitt snin u tarbija ta' sena w nofs. Ix-xhud esibit wkoll tnax il-ritratt mehuda minn fotografu Charles Poole, in konnessjoni ma dan l-incident li gew mmarkati bhala dokument CSH 6.[fol 25].

Hija reġgħet xehdet nhar il-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2005 rrepetiet l-istess xhieda li kienet tat fis-seduta precedenti tat-tlettax ta’ Lulju 2005.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 xehdet **Maria Dolores sive Doreen Mizzi** [fol 27] li qalet li hija gara tal-konjugi Calleja. Qalet li dakinhar tat-tnax ta' Lulju 2000

wara l-hdax ta' filghaxija tiftakar li xi hadd kien habbtilha l-bieb b'tisbit u meta fethet sabet lil Lilian Calleja li kellha ecitament kbir fuqha u kienet fi stat ta' paniku. Qalet li Lilian Calleja kienet qaltilha li zewgha kien ser joqtolha. Qalet li hi dahhlitha gewwa w ippruvat tikkalmaha. Qalet li ghonqha kien ahmar. Meta giet murija r-ritratti dokument CSH 6 ix-xhud qalet li dawn jindikaw l-istat li kienet fih Lilian Calleja meta marret ghandha. Qalet li peress li zewgha kien ghadu xoghol u kellha erbat itfal reqdin fuq, cemplet lil habiba ohra taghha certa Diane li toqghod wkoll Pembroke u r-ragel ta' din Diane, certu Simon, mar ghandha u ha lil Lilian Calleja l-Ghassa. Ix-xhud kkonfermat li l-imputat presenti fl-awla kien r-ragel ta' Lilian Calleja.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 xehed **Simon Shaw** [fol 30] li qal li fit-tnax ta' Lulju 2000 wara l-hdax ta' bil-lejl kien ghadu kemm dahal jorqod meta rcievew telefonata minghand mara li bdiet twerzaq u tghajjat u hu pprova jikkalmha sabiex ikun jaf min kienet u skopra li kienet Lilian Calleja li qaltlu li kienet f'dar f'Pembroke ta' habiba taghha u talbitu biex hu u martu jmorru ghaliha.

Qal li peress li ghandu tfal zghar mar hu wahdu u sab lil Lilian Calleja fi stat ta' dellirju u meta staqsiha x'kellha bzonn din qaltlu li xtaqet li hu jakkumpanjha l-ghassa. Qal li hu staqsiha jekk riditx li hu jcempel lil xi hadd mill-familja taghha u Lilian Calleja qaltlu li ahjar li le biex ommha ma tinkwetax. Qal li hu ha lil Lilian Calleja l-ghassa ta' San Giljan u wara li hi kellmet lil Pulizija hu hadha l-isptar. Qal li hu hekk ghamel u wara l-isptar rega' hadha lura l-Ghassa. Meta gie muri r-ritratti dokument CSH 6, ix-xhud ikkonferma li dawk kienu ta' Lilian Calleja u fuqha kellha l-istess marki li kien raha bihom dakinhar tal-incident.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 xehed **Peter Caruana** [fol 33] li qal li dakinhar tat-tnax ta' Lulju 2000 hu kien rieqed d-dar tieghu u ghall-habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl sema hoss kbir u hareg jittawwal biex jara x'kien gara. Qal li meta rega' ttawwal t-tieni darba sema lil Lilian Calleja tghajjat '*Peter… Peter…*' u sema' lehen r-ragel ta' Lilian Calleja, lil Alex Calleja u ghalhekk haseb li kollox

kien sew u rega' dahal jorqod. Qal li l-ghada kien ipprova jaqbad maghhom pero t-telefon kien *engaged* u meta pprova jaqbadhom bil-mobile ma beda jirrispondih hadd. Qal li wara xi jumejn kien iltaqa ma Lilian Calleja l-ghassa, fejn kien mar fuq kwistjoni ohra, u kienet qaltlu x'kien gralha. Qal li dakinhar hu kien innota hafna grif fuq ghonqha u meta staqsiha jekk kienet all right hi kienet irrispondietu li kollox kien sew dak l-hin.

Illi nhar t-tmintax ta' Jannar 2001 xehed **PC 802 Joseph Chircop** [fol 37] li qal li dakinbhar tat-tnax ta' Lulju 2000 hu kien stazzjonat l-ghassa San Giljan meta kienet marret Lilian Calleja fejn ghamlet rapport lis-Surgent 621 Pierre Calleja li r-ragel taghha Alex kien sawwatha. Is-Surgent kien qalilha biex iggiblu certifikat mediku u hu w s-Surgent 621 Pierre Calleja kienu marru jkellmu lil imputat Alex Calleja d-dar tieghu. Qal li fil-presenza taghhom, l-imputat kien innega li kien sawwat lil martu Lilian Calleja. Qal li dak li Lilian Calleja qalet lis-Surgent 621 Pierre Calleja semghu peress li kien vicin taghhom. Qal li l-hin preciz li Lilian Calleja marret taghmel r-rapport ma kienx jiftakru pero kien zgur li kien wara nofs il-lejl.
Illi nhar s-sebgha ta' Mejju 2001 xehed **PS 621 Pierre Calleja** [fol 45] li qal li dakinbhar tat-tnax ta' Lulju 2000 hu kien stazzjonat l-ghassa San Giljan meta kienet marret Lilian Calleja fejn ghamlet rapport li r-ragel taghha Alex Calleja kien ipprova jghallaqha. Qal li Lilian Calleja kienet spjegatlu li zewgha l-imputat kien mar jara lit-tfal f'dak l-hin bil-lejl, beda jhabbat mal-bieb, hi qaltlu biex jitlaq pero hu baqa jinsisti li ried jara lit-tfal. Ix-xhud kompla jghid li Lilian Calleja kienet qaltlu li zewgha l-imputat kien dahal b'forza fid-dar, qabadha minn ghonqha w ipprova jifgaha.

Qal li hu kien baghtha l-isptar sabiex iggib certifikat mediku tal-griehi li kellha f'ghonqha u hu flimkien ma PC 802 Joseph Chircop marru fir-residenza fejn kien gara l-allegat incident fejn sabu lil imputat li gharaf presenti fl-awla, li cahad dak li kien gie allegat fil-konfront tieghu minn martu maghhom.

Huwa pprezenta l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PC [fol 48]. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-

imputat kien qed jghix fir-residenza li dahal hu dakinhar u cioe 237, Triq William Harding, Pembroke, x-xhud wiegeb li hu m'ghamilx tali verifiki. Qal li meta tkellem mal-imputat dakinhar tal-allegat incident, dan deher kalm hafna u ma kellu ebda riha ta' xorb fuqu, deher normali ghal ahhar.

Illi nhar s-sebgha ta' Mejju 2001 xehed **Paul Brincat** [fol 52] li qal li hu ghamel xi zmien jahdem mal-Ombudsman bhala *driver* u jirrispondi t-telefon. Ftakar li xi hadd kien cempel nhar t-tlettax ta' Lulju 2000, u qallu li kien jismu Peter u li xtaq jkellem lil Doctor Lilian Calleja li dak iz-zmien kienet tahdem maghhom bhala *investigating officer*. Qal li hu qal lil dan Peter li Lilian Calleja dakinhar ma kienetx hemmhekk, talbu tin-numru tal-*mobile* taghha u hu rrispondih li ma kienx jafu.

Illi nhar s-sebgha ta' Mejju 2001 xehed **Doctor Edward Despott** [fol 54]. Meta gie muri c-certifikat mediku dokument CSH 3, hu kkonferma li kien certifikat mediku rilaxxjat minnu. Ftakar li Lilian Calleja kienet, dakinhar li ra hu, qed tikkomplanja minn Occipital Haematoma jigifieri tbengila fuq il-qurriegha ta' rasha kif wkoll xi lacerazzjoni jew abrazjoni fil-parti ta' taht geddumha. Qal li taht l-ispalla tal-lemin kellha xi griehi, *soft tissue* u ma kienx hemm ksur u l-X Rays li ha kienu kollha normali. Meta gie muri r-ritratti dokument CSH 6, ix-xhud kkonferma li l-persuna murija fihom hija l-istess persuna ta' Lilian Calleja li kien invista hu. Qal li dakinhar li raha hu l-marki fuq l-ghonq ma kienux daqshekk vizibbli pero rigward l-marki fuq geddumha dawk kienu vizibbli. Qal li l-ferita li kellha fuq rasha l-pazjenta x'aktarx li saret minn tizbita u l-feriti li kellha fuq geddumha kienu ta' natura li jfiequ wahedhom u ma jhallux permanent *scars* u ghalhekk huma ta' natura hafifa.

Nhar t-tlieta ta' April 2003 **rega' xehed Doctor Edward Despott** [fol 81] fejn qal li l-original tac-certifikat li kien irrilaxxja lil Lilian Calleja dakinhar li ra kien tah lilha stess. Muri c-certifikat mediku dokument CSH 5 [fol 24] ix-xhud b'referenza ghall-korrezzjoni li hemm fuqu fil-parti ta' isfel tieghu, saret minnu stess. Qal li l-kitba fuq dan d-dokument hija tieghu u l-korrezzjoni ndikata saret minnu

stess. Qal li lil pazjenta ma kienx jafha qabel. Qal li meta ra hu fit-tlettax ta' Lulju 2000, din kienet *distraught* u kien hadha hu stess fil-*minor area* tal-*casualty*. Kienet fil-*first cubicle on the left*. Qal li l-pazjenta kienet *worked up* u kellu jikkalmha u beda jikteb c-certifikat mediku waqt li kien qed jzomm lil pazjenta. Ftakar li kellu jaghmel xi amendi fic-certifikat mediku. Qal li l-pazjenta kellha gundalla fuq wara ta' rasha, grif u lacerazzjonijiet. Qal li l-grif kien fond u li punti ma kelliex bzonn. Qal li l-marki li rriskontra hu fuq il-pazjenta kienu centimetru twal. Qal li l-pazjenta kienet qaltlu li kienet giet aggredita lejliet ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl.
Illi nhar t-tmienja ta' Gunju 2001 xehed **Charles Poole** [fol 57] li meta gie muri r-ritratti esibiti a fol 25 tal-atti bhala dokument CSH 6, ikkonferma li dawk kienu gew mehuda minnu. Qal li fil-parti ta' wara hemm il-firma tieghu w id-data ta' meta hadhom. Mistoqsi jekk jiftakarx jekk hadhomx filghodu jew filghaxija, ix-xhud qal li jekk mhux sejjer zball kien hadhom wara nofsinhar. Qal li d-data li hemm fuq wara taghhom jista jkun li hija d-data ta' meta zvilupphom, ghalkemm ma kienx cert.

Illi nhar t-tlettax ta’ Lulju 2005 **xehed l-Ispettur Carmelo Abdilla** [fol 119] fejn qal li f’xi zmien kienet marret Lilian Calleja l-ghassa San Giljan tirrapporta li t-tfal minuri taghha Metthew ta’ ghaxar snin u Daniel ta’ tnax il-sena xtaqu jmorru lura d-dar maghha waqt li huma kienu fil-kustodja ta’ missierhom l-imputat odjern ghaliex kien hemm xi digriet tal-Qorti li fil-*weekends* t-tfal ghandhom jinzammu mill-missier. Qal li allegat li meta staqsiet lil Matthew ghaliex xtaq imur lura maghha, dan kien wegibha ghaliex missierhom kien qed jurihom films pastazi bhal ‘Gaylord Fucker’. Qal li meta hu nvestiga dan l-ilment, irrizultalu li fil-fatt l-film kien jismu ‘Meet the Fuckers’ li kien film komiku. Qal li nonostante dak li rrizultalu, Lilian Calleja baqghet tinsisti mieghu li ghal dik l-ahhar sena zewgha kien qed jurihom films pastasi. Ix-xhud zied jghid li fuq dan hu nforma lil Magistrat Inkwerenti li fetah inkjesta. Zied jghid li sussegwentement gie elevat l-*computer* tal-imputat, gie nominat l-espert Martin Bajada bhala espert fuq *computers* li rrizultalu kollox fin-negattiv ghaliex ma kien hemm ebda pornografija fih u l-films li

kienu storjati fih, kienu kollha komici. Ix-xhud qal li jiftakar li waqt x-xhieda li t-tifel kien ta quddiem l-Magistrat Inkwerenti, dan kien qal li kien ra xi films pastasi u li kien ra xi zewg minn nies jitbewwsu.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2008 **l-imputat xehed minn jeddu b'mod voluntarju** fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' direttur ta' tliet kumpaniji. Qal li huma ghandhom fabbrika tat-tessuti maghrufa bl-isem ta' Yorkie, kif wkoll ir-*retail outlets* taghhom u business iehor. Qal li hu wiehed mill-*partners* f'dan in-negozju u jokkupa wkoll kariga ta' Managing Director. Qal li hu mizzewweg lil Lilian Cremona u separat u ghandu tliet itfal minn din ir-relazzjoni. Qal li kien izzewweg fi-1991 u fin-1999 il-mara talbitu s-separazzjoni. Qal li qatt ma ried jissepara minn mal-mara. Spjega li fil-passat kien isiefer hafna fuq xoghol, generalment lejn il-Libja u qabel ma sar l-incident kien tilef ic-cwievet kollha, tant li l-karozza tieghu kienet baqghet fl-ajruport ta' Hal Luqa u lanqas l-agenti tal-Kia, li hija l-ghamla tal-karozza tieghu, ma setghu jiftħuihlu. Qal li dak iz-zmien ma kellux access ghad-dar tieghu f'Pembroke, li ghandha erba' bibien u meta mar talab lil martu ghal kopja tac-cwievet ta' dawn il-bibien, hi kienet qaltlu li ma sabet l-ebda cavetta. Qal li hu qatt ma kien juzaha ic-cavetta tad-dar ghax kien jidhol permezz tar-*remote* fil-garaxx u l-garaxx jinfed ghal god-dar.

Qal li hu kien gie minn barra fid-disgha ta' Lulju 2000, kien *weekend*. Fftakar li dakinhar mar id-dar fis-sebgha w nofs u ma kien hemm hadd id-dar ghaliex kien ihabbat u ma jiftah hadd. Qal li wara mar ghand ohtu li toqghod erba bibien 'l isfel u qghad ghandha jistenna. Qal li kull siegha kien imur lura d-dar ihabbat u jittama li tiftahlu l-mara jew xi hadd biex jidhol. Qal li x'hin daqqu il-hdax neqsin kwart kien diga mar xi darbtejn jew tlieta u qal bejnu u bejn ruhu, kif jista jkun li l-mara mhix id-dar meta kellu zewgt itfal ghadhom zghar hafna, u ohra tarbija u ttawwal gewwa u ra li l-karozza kienet qeghda gewwa w ghalhekk hass li l-mara ma riditx tiftahlu. Qal li beda jhabbat mal-bieb u din id-darba baqa jinsisti jhabbat mal-bieb u wara xi hames minuti jhabbat, bdiet tkellimu hazin l-mara mill-kamra tas-sodda ta' fuq li tinsab fuq il-bieb principali. Qal li ftit xhur

qabel kienet harget mill-kamra tas-sodda matrimonjali u marret tghix fil-kamra tas-sodda tat-tfal.

Kompla jghid li sussegwentement l-mara fethitlu u bdiet tkellmu hazin u hu qalilha li kienet qed taghmel ezattament dak li ommha kienet ghamlet lil missierha, u dak il-hin tatu daqqa ta' harta u tajjritlu n-nuccali minn wiccu. Qal li mar lejn il-kcina u marret tigri quddiemu u hu dar u mar biex jitla' ghal fuq u regghet marret quddiemu, hu warrabha minn nofs u jahseb li dak il-hin waqghet pero hu baqa tiela. Qal li hu u tiela semgha l-bieb jinstabat u baqa tiela' 'l fuq. Qal li jaf li bdiet tghajjat 'Peter Peter' meta waqghet. Qal li hu baqa tiela fuq, inhasel u dahal fis-sodda u wara xi ftit gew il-pulizija.

Qal li wara li xi siegha li kienu gew il-pulizija, regghet giet lura u raqdet id-dar. Hwejjeg u affarijiet tat-tfal ma kienx hemm ghax l-ghada filghodu hija telqet u marret tghix ghand ommha u hadet lit-tfal maghha. Qal li ghamel perjodu ta' sitt xhur ma jarax lit-tfal u ma talbitu xejn tat-tfal. Qal li l-ghada kien biddel il-*locks* ghaliex ic-cwievet kien tilifhom w ghalhekk martu ma kellhiex access aktar ghad-dar. Qal li meta gew il-pulzija dakinhar, sabu lit-tfal reqdin fuq u ma kien hemm ebda tifrik jew taqlib. Qal li l-mara kienet rrapurtat li hu kien gholla idejh fuqha.

Fil-fatt hu kien qal lill-pulizija sabiex jezaminawh biex jaraw jekk kellux xi grif jew affarijiet tal-agressjoni u ma raw xejn minn dan. Meta l-pulizija staqsewh jekk kienx gara xi haga, hu kien qalilhom li ma gara xejn ghax fil-fatt kull ma kien gara kien argument. Qal li hu ma kienx ihobb jghid fil-pubbliku l-affarijiet tieghu ghax il-mara tieghu hija avukata u ma dehrlux li kellu jmur fil-pubbliku. Qal li hu m'ghamilx rapport li kienet kissritlu n-nuccali ghax hass li dawn huma affarijiet tal-familja. Qal li martu hija daqxejn vjolenti meta taqbzilha, pero cahad li qatt refa' idejh fuqha jew hadd iehor, fuq l-ebda mara, inkluz il-martu.

Qal li kien minnu li l-mara tieghu kellha girfa ma ghonqha u spjega li meta kien imbuttaha meta kien tiela t-tarag, kien liebes arlogg kbir u goff tal-Longines u laqatha u jaf li ngirfet b'girfa lineari. Qal li hu kien nehha l-mara min-nofs

biex jitla' fuq ghax ma hallithux jghaddi. Qal li dakinhar l-mara kellha riha ta' xorb u kienet gejja minn party. Qal li dakinhar bdiet tghajjat u titkellem hazin u titkellem pastaz u tghajjru u qaltlu li ma kinitx ser tkun ruffjana tieghu li tistennih biex tiftahlu l-bieb. Cahad illi effettivament il-mara kellha dawk il-feriti murija fir-ritratti esebiti u dawk kienu kollha made up. Qal li hu xtaq itella' lit-tfal jixhdu biex jghidu li rawha l-ghada filghodu lil ommhom kif kienet, imma ma deherlux li kellu jdahhal lit-tfal. Ammetta li vera ghamililha girfa pero tbengil u affarijiet ohra ma kellhiex.

Qal li martu ghamlet diversi rapporti foloz fil-konfront tieghu u anke ta' child molestation imma dawn rrizultaw li kollha kienu foloz. Qal li peress li dakinhar hu mar ibiddel ic-cwievet tad-dar, il-mara harget qablu u baqghet ma gietx lura u dam xi sitt xhur ma jara lill-mara u ghalhekk fil-fehma tieghu kollox kien gie ppjanat minn qabel ghax kienet harget hwejjigha minn qabel. Qal li fil-fatt meta kienet titolbu l-hwejjeg tat-tfal kien jaghtihomlha. Ikkonferma li l-mara kienet giet lura u raqdet id-dar dakinhar ta' dan l-incident. Qabel dan l-incident qatt ma kien hemm xi incidenti ohrajn ta' xi swat jew rapporti simili.

Fil-fatt id-dar ukoll illum il-guranta hija assenjata lilu u qatt ma gie ordnat jorhog 'l barra. Qal li sahansitra anke manteniment ghat-tfal taha sakemm jaghlqu it-tmintax il-sena, taha kollox bil-quddiem biex ma jkollu xejn x'jaqsam maghha. Qal li kien gie ppersegwitat ghal disgha snin shah u li martu ppruvat tharbatlu kemm il-hajja tieghu familjari kif wkoll dik socjali. Qal li hu kien qal mill-bidu nett li verament imbuttaha pero cahad li pprova joqtolha. Qal li dakinhar martu bezqitlu wkoll f'wiccu meta kien tiela' t-tarag u kien ghalhekk li imbuttaha.

Ikkunsidrat:
Illi din il-kawza tiddependi principalment fuq kredibilita ta' xhieda, jew li l-Qorti temmen lil allegata vittma Lilian Calleja dwar r-raport li ghamlet lil pulizija ezekuttiva jew li temmen l-fatti kif spjegati mill-imputat.

Il-Qorti ghalhekk trid temmen versjoni wahda u tiskarta l-ohra, u dan ghaliex z-zewg versjonijiet kif moghtija mill-

imputat u mill-vittma, huma konfliggenti fis-sustanza ghall-ahhar.

Illi d-Difiza bdiet t-trattazzjoni taghha billi fakkret lil Qorti dwar l-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija v Antonio Schembri** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1936***].

Ghalhekk din il-Qorti bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandhux jkollhom l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubbju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija v Austin Joseph Psaila et** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April, 1992***].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru, 1994*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Zammit et** u tghid pero mhux kull ickem dubbju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju ikun dak <u>dettat</u> mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon

sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lil partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet ***Teper v The Queen [1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, l-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu isir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem

taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti u cioe li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk din l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik proposta mill-vittma u dik proposta mill-imputat li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti hija f’posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process kollu tul medda ta’ zmien u hadet z-zmien taghha sabiex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha u ghalhekk kkontrollat il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddimeha. Din il-Qorti ghalhekk ghamlet l-ezami taghha tax-xhieda ai termini tal-artikolu 657 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi evalwat l-imgieba w il-karattru ta' kull xhud li semghet u li ghamlet apprezzament taghhom ghal mod ta' kif x-xhieda wiegbu ghad-domandi li sarulhom quddiemha, ghal kull interess li setgha kellhom x-xhieda u b'hekk uzat l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex kienet f'posizzjoni li tikkontrolla il-kredibilita tax-xhieda, u hu appuntu minhabba li l-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti tal-fatti li kellha taghmel dan l-apprezzament tax-xhieda u tal-provi kollha mressqa sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjiegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik

il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi fl-ewwel lok, l-imputat huwa akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe ta' sekwestru ta' persuna.

Illi qabel ma tifli x-xhieda li semghet fid-dawl ta' din l-akkuza, il-Qorti thoss li ghandha tispjiega x'inhuma l-elementi tar-reat ta' sekwestru ta' persuna.

**L-artikolu 86 tal-Kap 9 jiddisponi li:**

*"Kull min bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li finhom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandhux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolarment li l-imputat ma kellux awtorita skond l-ligi ta' awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda min naha l-ohra, jista jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Lilian Calleja?

Din il-Qorti tara li l-elementi tal-artikolu relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna w it-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volunta tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt lil persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa dan l-artikolu l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika jindika li taht dan l-Kap jaqa agir li jekk kommess min minn ghandu awtorita ma jkunx punibbli. It-teorija tal-arrest illegali, abbraccjat ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat, imma l-arrest bl-ingann.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti ‘*by words alone if one suibmits.*’ [vide **Il-Pulizija v Albert Cassar** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990***.]

**Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal artikolu 86 taghna a fol 112 para. 788; Vol II billi jghid:

*“Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma ogni possibilita di scampo o di soccorso.”*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale*** Ed. 1977 pg 134 jghid:

"*le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale ne occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certa rilievo.*"

Fil-fatt **La Corte di Cassazzione** tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar, 1961 ipprecizat:

"*che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace*"

Illi f'din l-istanza, jirrizulta li l-vittma fetħet il-bieb principali sabiex jidħol zewġha minn barra u bdiet tghajjru u tgħidlu li darb'ohra ma tiftaħlux u li hi mhiex r-rufjana tieghu. Minn hemmhekk inħolqot ġlieda u l-vittma bdiet tghajjar lil imputat u dan imbuttha lil hinn u waqgħet mal-art. Ħadd mill-partijiet ma jghid li l-vittma ma setgħetx toħroġ liberament mid-dar, li giet mizmuma milli toħroġ meta hi ttentat toħroġ. Jirrizulta li hija ħarġet mid-dar u marret għand xi girien, għamlet r-rapport, marret l-isptar u giet ezaminata medicament u wara marret lura d-dar. Fl-ebda ħin ma jirrizulta li l-vittma għamlet xi agir ta' rimostranza.

Illi għalhekk tali akkuza, fil-fehma tal-Qorti ma tirrizultax ippruvata.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat li kkaguna feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Doctor Edward Despott.

Il-prosekuzzjoni ippruvat bla dubbju ta' xejn, li l-vittma verament kellha feriti ta' natura hafifa u li almenu whud minnhom jekk mhux kollha, gew kagjonati mill-imputat, kif del resto ammess minnu stess.

Illi pero, l-imputat qajjem d-difiza ta' legittima difesa kif kontemplata fl-artikolu 224 tal-Kap 9.

Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-

difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid:

"*Ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan l-kliem huwa car hafna fih innifsu.

L-artikolu 224 tal-istess Kap 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

L-origini tal-artikoli 223 u 224 tal-Kodici Penali ghandhom l-origini taghhom fil-***Codice delle Due Sicilie*** **u l-Kodici Franciz.** Dan jirrizulta mir-rapport tal-Kummissarju Andrew Jamess li gie ppresentat lil Gvern meta kienu qed jigu promulgati dawn l-artikoli fil-Kodici taghna. Fil-fatt fir-***Rapporto sui progetti di legge penali e di organizzazione e procedura penali per l'Isola di Malta*** **(30/05/1835)** a fol 2 insibu referenza ghal dawn l-artikoli u cioe':

"*Essa non e altro nella sua generale sostanza che il Codice Penale per lo regno delle Due Sicilie, il quale Codice si per essere redato nella lingua italiana, come per altre molte valevoli considerazioni, e' quello che meglio di ogni altra, giudichiamo poteva esservi adattato. Essendo poi lo stesso Codice Siciliano non altro che il Codice Penale Francese.*"

Illi ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghal kommentaturi fuq dawn iz-zewg Kodici b'referenza ghal dawn iz-zewg artikoli.

Jigi rilevat li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi <u>lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu</u> anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe t-

theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi, u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Vuol dire li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha irrizulta bl-agir tal-aggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu ghandu ikun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat. Il-**Professur Mamo** jghid:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed irid jpoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit, f'dan il-kaz b'mus mid-distanza li kien u cioe tant vicina. Huwa importanti li l-perikolu ikun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjiega **Antolisei:**

"*Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente'* (***Manuale di Diritto Penali - Parte Generale - pg. 261***).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pt iv pg. 734, ***deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937***, il-Qorti qalet sabiex jissusisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn perikolu imminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi w inevitabbli.

Din tkun wkoll l-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione di Roma *tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar,1978 (Anali della Giurisprudenza Italiana(1878) Parte Penale - pg. 56***):

*"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

F'dan ir-rigward, l-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fil-**HM Advocate vs Kizileviczius 1983 JC *( A Casebook of Scottish Law ) pg 347*** - li :

"*To reach the first result, that is to say the result of complete acquital, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assualts were necessary."*

Ghalhekk sabiex jissusisti d-difiza ta' legittima difesa irid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi w inevitabbli.

Rigward l-ewwel element u cioe li l-aggressjoni trid tkun ingiusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza".

Skond **Antolisei** "*l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto*". Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, **Manzini** fil-ktieb tieghu ***Trattato di Diritto Penale (parte generali pg. 358)*** jghid:

“*La giustificante dell articolo 52 (which corresonds to our Sec 223) non e affalto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa*.”

**Il-Professur Mamo jghid:**

“*The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent*.”

Fit-tielet lok l-inevitabilita.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar 1958*** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emily Zarb,** il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilita, u minghajr l-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jinghata din l-iskriminanti.

Infatti f'**Anali della Giurisprudenza Italian*a*** (pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898) gie deciz li:

*"Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore."*

Sabiex l-perikolu jfisser ‘situazione inevitabile’, il-perikolu jrid ikun "*sudden*" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma *necessitas est lex*.

Fil-fatt gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Micallef** (vol XXXIX pg 1072) li:

"*Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lil minn jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-propjeta tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta u in difesa attwali taghha.*"

Fil-fatt **Canofari**, ***Il Commentatario al Codice Penali delle Due Sicilie*** (pg. 204 - lib 11- titole VIII) dwar l-artikolu 373 tal-***Codice delle Due Sicilie*** li jikkorrispondi ghall-artikolu 223 tal-Kap 9, jghid:

"*La legge e protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto, non il reato.*"

L-aggressjoni trid tkun <u>assoluta</u> cioe' kif jghid **Carrara** (pg**.** 209 - 306 ***Programma***):

"*Cioe che nel momento stesso del <u>pericolo</u> non posso questo declinarsi con <u>altri mezzi innocenti</u>. Tali mezzi si riducono alle preghiere, all'acclamazione alla fuga.*"

Skond **l-Imhallef Harding,** kif gie deciz fil-kawza fuq imsemmija **Il-Pulizija vs Toni Micallef,** ir-rekwizit tal-gravita jezigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz u proprju dak li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, jkun konvint li huwa agixxa taht id-difiza tal-legittima difesa u dan ghaliex huwa ddefenda ruhu mill-perikolu li kien mhux gust, gravi w inevitabbli, stante li l-aggressur tieghu kellu mus u kien ser jaggredih bih peress li ma kienx ghadu thallas lura t-tmenin lira maltin li kien silef lil imputat. L-imputat rreagixxa bl-istess mod li kien affrontat bih.

Illi din l-Qorti ma thossx li l-imputat agixxa 'n legitima difesa ghaliex huwa qatt ma kien affrontat b'xi perikolu mminenti w attwali w ghalhekk tali difiza qed tigi michuda.

Id-difiza qajmet wkoll id-difiza tal-provokazzjoni f'kaz li l-Qorti ma laqghetx id-difiza tal-legittima difesa. Il-Qorti thoss li dawn iz-zewg difisi mhumiex konsegwenzjali ghal xulxin, huma differenti ghaliex waqt li sabiex jissusisti n-necessita' attwali huma importanti li dak li jghid l-imputat inghad biex jippreserva kull dritt kontra perikolu mminenti, waqt li l-provokazzjoni jippresupponi reazzjoni kawzata minn rabja u agir subitaneo karatterizzata b'tpattija u mhux difiza.

**Manzini jghid:-**

"*L'ommissione dell'uno importa l'esclusione dell'altra, senza obbligo per il giudice d'esporre la ragione della esclusione, in quale la prima (i.e. la legittima difesa) esige la necessita di difendere un diritto, mentre la vendetta caratteristica della seconda, non e mai necessaria e non e difesa dei diritti."*

Fil-fatt, il-provokazzjoni huwa ammess bhala fattur mitiganti minhabba l-fatt li l-agent meta kien qed jagixxi, tilef il-kontroll ordinarju tieghu nniffsu minhabba l-passjoni kreata mill-att provokattiv tal-agent li gieghlu jsir inkapaci li jirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-agir tieghu li hu importanti u ghalhekk agixxa b'dak il-mod. Fi kliem **Manzini** (vol 2, pg. 240 - ***Diritto Penale***) -

"*In uno stato di ira determinata da un fatto ingiusto altrui...*"

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Vella et *fid-dsatax ta' Frar 1998***, fejn elaborat fuq id-differenza ta' dawn iz-zewg difesi u cioe dik ta' provokazzjoni u dik ta' *self defence*.

Kif jghid **Hart** fil-ktieb tieghu ***Punishment and Responsibility:***

*"Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminutiv of punishment because the agents ability to control his action is thought to have been impared or weakened othewise then by his own actions*

*so that conformity to the law which he had broken was a matter of special difficulty for him, as compared with normal persons, normally placed.*"

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-imputat ried jidħol gewwa daru wara li kien ghadda xi jiem l-Libja u li l-vittma kienet irrabbjata li zewġha l-imputat qajjimha sabiex tiftaħlu l-bieb ta' barra. Illi hija nizlet minn fuq biex tiftaħ u laqghetu b'manjiera xejn felici tant li qaltlu li dik d-darba kienet ser tiftaħlu, pero darb'oħra le. Qaltlu wkoll li hi ma kienetx r-rufjana tieghu. Illi l-imputat jispjega li hu baqa sejjer dritt fuq u li hi giet quddiemu w ostakolatlu l-passagg liberu tieghu u bezqitlu f'wiccu u hu mbuttaha lil hinn u jghid li laqatha f'wiccha u bhala rizultat garrbet xi *abrasions* bl-arlogg tieghu. Jghid li mhux minnu li pprova jifgaha u mistoqsi jaghti spjegazzjoni minn fejn gew il-feriti li kellha ma ghonqha, kif jirrizulta fir-ritratt esibit, huwa jghid li kien 'make up'. Dan pero, t-tabib ikkonfermah fic-certifikat tieghu fejn jghid li ma ghonqha kien hemm grif u l-girien taghha jghidu li rawha bi grif ma wiccha, ghonqha kif muri fir-ritratt u li kienet fi stat t'anzjeta kbira.

Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi **partikolarment l-artikolu 86, 87(c), 221 u 222 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat ALEX CALLEJA hati tal-akkuza ta' sekwestru ta' persuna u tilliberah minnha, izda ssibu hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lilian Calleja bhala rizultat ta' provokazzjoni u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin (50) euro.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------